

— fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, sa fejn il-Kummissjoni injorat il-motivi tas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Stips vs Il-Kummissjoni (F-131/15, EU:F:2016:154) u eżegwixxiet din is-sentenza *mala fide*, u b'hekk kisret l-awtorità assoluta ta' *res judicata* tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

---

### **Rikors ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2017 – Wajos vs EUIPO (Forma ta' flixkun)**

(**Kawża T-313/17**)

(2017/C 231/64)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Wajos GmbH (Dohr, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Schneiders, R. Krillke u B. Schneiders, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenjuża kkonċernata:* trade mark tridimensjonal tal-Unjoni Ewropea “Forma ta’ flixkun” – Applikazzjoni għal regiſtrazzjoni Nru 14 886 097

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta’ Frar 2017 fil-Każ R 1526/2016-1

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

### **Rikors ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2017 – Nosio vs EUIPO (MEZZA)**

(**Kawża T-314/17**)

(2017/C 231/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Partijiet**

Rikorrenti: Nosio SpA (Mezzocorona, l-Italja) (rappreżentanti: A. Perani u J. Graffer, avvocati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni “MEZZA” – Applikazzjoni għal regiſtrazzjoni Nru 14 822 506

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta’ Marzu 2014 fil-Każ R 1518/2016-5